# Bord Li Jirregola l-Kera

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Rikors Nru: 972/2021 LC**
**Fl-atti tal-kawża Nru 364/2021 LC**

**Celan Ltd**
**(C-75012)**

**VS**

**Joseph Degiovanni**
**(K.I.199868M)**

**Illum, 07 ta' Frar, 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ppreżentat minn Joseph Degiovanni nhar it-30 ta' Novembru 2021 fejn fiħ qiegħed jitlob lil dan il-Bord sabiex:

1. Jisma' u jiddeċiedi dan ir-rikors b'urġenza a tenur tal-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jħassar, jirrevoka u jikkanċella fl-intier tiegħu il-mandat ta' sekwestru de quo a tenur tal-Artikolu 836(1)(d) u/jew (f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

3. Alternattivament, jekk it-tieni talba ma tiġix milqugħa jnaqqas il-valur tal-mandat ta' sekwestru f'ammont raġjonevoli;

4. Jimponi penali fuq is-sekwestranta ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Sussiddjarjament, ai temini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jordna lis-soċjetà sekwestranta sabiex fi żmien perentorju tagħti garanzija xierqa sabiex tagħmel tajjeb għal danni u imgħaxijiet li jista' jsofri l-esponenti b'dan illi jekk din il-

garanzija ma tingħatax fit-terminu prefiss, il-mandat de quo jiġi revokat u dan previa kull provvediment ieħor li jkun xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà sekwestranti, li hija minn issa inġunta in subizzjoni u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni ieħor spettanti lill-esponenti;

Ra id-Digriet tiegħu datat l-10 ta' Diċembru 2021, il-Bord ordna n-notifika tar-rikors lis-soċjetà sekwestranta u apponta s-smiegħu tiegħu għat-22 ta' Diċembru 2021. Dan id-Digriet, madanakollu, ġie notifikat lis-soċjetà sekwestrata fil-11 ta' Jannar 2022 u konsegwentement, is-smiegħ tar-rikors odjern tħalla għas-7 ta' Frar 2022;

Sema' x-xhieda tas-sekwestrat Joseph Degiovanni;

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Ra d-dokumenti eżebiti, inkluż il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numu 971/2021, li tiegħu qegħda tintalab ir-revoka permezz tal-preżenti proċeduri;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal Digriet *in camera*;

Ikkonsidra;

Illi, kif ġie ripetutament mtenni minn dawn il-Qrati, l-istħarriġ li għandu jagħmel il-Bord f'dan l-istadju huwa wieħed superfiċjali u jkun xi jkun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, dan bl-ebda mod m'għandu jiġi interpretat bħala xi espressjoni dwar il-mertu jew dwar il-fatti tal-vertenza bejn il-partijiet. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Bord qiegħed jintalab jistħarreġ jekk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat *de quo* jidhrux mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[1].

Fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-sentenza tagħha fl-**ismijiet J.V. & S. Developments Limited vs Scala Developments Limited**[2] fejn ġie ritenut:

[1] Ara f'dan is-sens **Gaetano Abdilla et vs Charles Bianco**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 20 ta' Jannar 2016 (Rikors Revoka Nru 744/2015)
[2] **J.V. & S. Developments Limited vs Scala Developments Limited**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 9 ta' Jannar 2012 (Rik Nru 1147/2007). Ara wkoll f'dan is-sens **Associated Supplies Ltd vs Joseph Mizzi**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 6 ta' Jannar 2013 (Rik Nru 1006/2012).

> "*Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "***Camilleri vs Gove et***" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (ara wkoll is-sentenza fil-kawża "***Emanuel Sammut vs Josephine Sammut***" deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).*
>
> *Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew* ***in toto***"

Illi fid-dawl tal-dan il-bran appena ċitat, kif ukoll abbażi tal-elementi stabbiliti mill-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-funzjoni tal-Bord f'dawn il-proċeduri hija sempliċiment li jistħarreġ fuq bażi *prima facie* jekk ir-raġunijiet, jew kawżali, mogħtija mir-rikorrent sekwestrat, jeżistux fil-proċeduri odjerni.

Illi l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' 'Malta jagħti pożizzjoni ġenerali dwar kif tista' tintalab ir-revoka ta' Mandat u mbagħad jgħaddi biex jelenka sitt raġunijiet li fuqhom is-sekwestrat jista' jibbaża t-talbiet tiegħu. Filfatt, l-Artikolu 836(1) jistipola s-segwenti:-

> *"**836.** (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:"*

Stabbilit dan, il-Bord ser jgħaddi biex jeżamina r-raġunijiet mogħtija mir-rikorrenti sekwestrat għar-revoka tal-mandat *de quo*.

**L-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

Illi l-ewwel kawżali mogħtija mir-rikorrenti sekwestrat hija dik arġinata fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipola:-

> *" ... omissis...*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

Illi in sostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti sekwestrat jargumenta fir-rikors tiegħu li s-soċjetà sekwestrata naqset għal kollox milli tagħti informazzjoni fir-rikors tal-mandat innifsu sostanzjata bi provi li juru mqar fuq livell ta' *prima facie* minn xiex tikkonsisti ċ-ċifra sekwestrata. Oltrè minn hekk, ikompli r-rikorrenti, is-soċjetà sekwestrata naqset milli ssemmi dan l-ammont fir-rikors promotur li biħ qegħda tmexxi t-talbiet tagħha fil-mertu.

Illi kemm fir-risposta tagħha kif ukoll waqt it-trattazzjoni, madanakollu, s-soċjetà sekwestranta tispjega li dan l-ammont ikkawtelat jirrappreżenta allegati danni u telf ta' qliegħ li hi qed issofri minħabba l-aġir tas-sekwestrat.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fl-**ismijiet M.I.M.S. Supplies Limited vs Ivan Calleja**[3]**:**

> *"Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li, f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*
>
> [il-Qorti kienet qed tikkwota minn digriet mogħti fil-mandat fl-ismijiet Vincent Merċieca vs George Galea, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 29 ta' Novembru 2001]

---

[3] **M.I.M.S. Supplies Limited vs Ivan Calleja,** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 26 ta' Jannar 2009 (Rik. Nru 1200/2008).

> *Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin*."

Illi s-soċjetà sekwestranta tgħid li  hija qed issofri danni inġenti minħabba l-allegati azzjonijiet tas-sekwestrat. Tispjega li l-ammont kawtelat ta' €25,000 jirrappreżenta parti minn somma akbar riżultanti minn telf ta' qliegħ minn kirjiet tal-fondi propjetà tas-sekwestrat, liema kirjiet ma setgħux iseħħu minħabba aġir tas-sekwestrat. Din is-somma tirrifletti wkoll danni konsegwenzjali għal tali aġir da parti tiegħu.

Illi l-Bord isib li s-somma kkawtelata, meta meħuda fl-assjem taċ-ċirkostanzi allegati u fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula, tagħmel sens u li l-pretensjoni tas-soċjetà sekwestranta hija ben koperta fuq bażi *prima facie*.

Illi finalment, ir-rikorrenti sekwestrat ma ressaq ebda prova, fuq bażi *prima faice*, li tispjega r-raġuni għalfejn hu jqis li l-ammont ikkawtelat m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew li huwa eċċessiv.

Illi għalhekk, il-Bord ma jsibx li t-talba tar-rikorrenti sekwestrat fuq din il-kawżali hija mistħoqqa u b'hekk qiegħed jirrespinġiha.

**L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

It-tieni kawżali mogħtija mir-rikorrenti sekwestrat hija dik arġinata fuq l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistipola:-

> " *...omissis.....*
>
> *(f) Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Illi fir-rikors tiegħu, ir-rikorrenti ma jagħtix raġunijiet speċifiċi in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Hu jgħid, kemmxejn b'mod ġeneriku, li l-mandat huwa ta' piż enormi fuqu hekk kif l-introjtu tiegħu jinsab kollu mabqud *pendente lite*. Jgħid li l-kirjiet taż-żewġ propjetajiet mertu tal-kwistjoni jinsabu depożitati l-Qorti u l-kontijiet għas-servizzi reżi qegħdin jibqgħu ma jitħallsux. Dan kollu qiegħed

jikkawża pressjoni finanzjarja sostanzjali fuq l-esponenti, liema pressjoni ċertament illi m'hijiex ġustifikata u lanqas raġjonevoli.

Illi da parti tagħha, is-soċjetà sekwestranta tirrispondi għal din it-talba billi tgħid li fir-rikors tiegħu, is-sekwestrat ma ressaq ebda sottomissjonijiet jew provi li juru li s-sekwestru odjern ma hux ġustifikabbli jew li mhux raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ. Tkompli tgħid li hi għandha kull dritt li tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-sekwestrat, u dak huwa propju l-għan tal-att kawtelatorju.

Illi ġie ritenut fis-senteza **Ivan John Debono vs Antoine Vella**[4] illi:-

> *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;"*

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma semma jew indika ebda ċirkostanza ġdida li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat odjern u b'hekk ma jidhirx li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi ta parti jew oħra. Di più ir-rikorrenti sekwestrat huwa sajjem dwar raġunijiet jew ċirkostanzi li għandhom jimmilitaw a favur tal-applikazzjoni ta' din il-kawżali għall-mandat *de quo*.

Illi b'hekk,  il-Bord ma jsibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa u b'hekk għandha tiġi respinta.

**L-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

Illi r-raba' talba tar-rikorrenti hija għall-imposizzjoni ta' penali fuq is-soċjetà sekwestranta ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu jelenka erba' ċirkostanzi fejn fihom il-Bord jista' jimponi penali kif hemm indikat. Għalkemm ir-rikorrenti ma indika ebda paragrafu mill-Artikolu 836(8) fuq liema qiegħed jibbaża din it-talba, l-Bord jsib li ladarba r-rikorrenti ma rnexxilux jressaq provi *prima facie* suffiċjenti sabiex il-mandat

[4] **Ivan John Debono vs Antoine Vella**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 12 ta' Jannar 2021 (Rik Nru 698/2020)

*de quo* jiġi mħassar, isegwi li m'hemmx skop għall-applikazzjoni tal-provedimenti ta' dan l-artkolu u b'hekk din it-talba qed tiġi respinta.

**L-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:-**

Illi l-ħames talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz ta' din it-talba, ir-rikorrenti sekwestrat qiegħed jitlob lill-Bord sabiex jagħti, fi żmien perentorju, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li jitneħħa l-att kawtelatorju.

Il-Bord jagħmel referenza għad-digriet bl-ismijiet: **Dr.Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**[5] fejn ingħad:

> *"Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni."*

Illi fil-każ *de quo* għalkemm ir-rikorrenti sekwestrant jispjega illi dan is-sekwestru qiegħed jikkawżalu diffikultajiet finanzjarji, il-Bord iqis li r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova d-danni li huwa allegatament ġarrab u konsegwentement ma rnexxilux jipprova il-"kawża ġusta" meħtieġa ai termini tal-liġi sabiex il-Bord jgħabbi lis-soċjetà sekwestrata b'garanzija tajba a favur tar-rikorrenti.

Illi b'hekk, anke din it-talba qed tiġi miċħuda.

---

[5] **Dr.Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl,** Qorti Ċivili, Prim' Awla, 12 ta' Settembru 2019 (Rik Nru. 780/2019).

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Bord qiegħed **jiċħad it-talbiet kollha** tar-rikorrenti sekwestrant, peress li dawn ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tar-rikorrenti Joseph Degiovanni.

**Dr Leonard Caruana**
**Maġistrat**